# Ibda mil-lum!



## L-anzjan li ħawwel siġar li qatt ma kien se jara jikbru

Raġel anzjan kien qiegħed f'wesgħa, iħawwel xi xtieli. F'daqqa waħda ġie żagħżugħ ħdejh u beda jistaqsih x'kien qiegħed jagħmel.

L-anzjan wieġbu li kien qed iħawwel dawn ix-xtieli tas-siġar għax kien iħossu fid-dmir li jagħmel hekk. Waqt din it-taħdita, l-anzjan qallu li meta kien għadu jaħdem hu kellu stamperija u li kien juża ħafna karta tajba... xi kultant anki biex sempliċement jagħmel prova ta' kif kien se jiġi x-xogħol stampat.

L-anzjan kompla jgħid liż-żagħżugħ: "Allura ta' kuljum niġi hawn u nħawwel ftit siġar biex dawk li ntużaw biex jiena stajt naqla' l-flus mill-istamperija, ikun hemm oħrajn minflokhom".

Iż-żagħżugħ aktar skanta għaliex ma setax jifhem kif dan l-anzjan kien qed iħawwel siġar li riedu aktar minn 10 snin biex isiru maturi... l-anzjan probabbli qatt ma kien se jgħix biex jara s-sbuħija tal-'proġett' tiegħu komplut!

"Inħossni fid-dmir li nħalli d-dinja u n-natura kif sibtha jiena, jew inkella aħjar milli sibtha," qallu l-anzjan.

X'tagħlima għalina li ħafna drabi nużaw affarijiet li jieħdu ħafna snin biex isiru jew jikbru, u mbagħad flok nużawhom sewwa, naħluhom!

U dan aktar u aktar jgħodd għal uliedna li minħabba l-età tagħhom għadhom ma jistgħux japprezzaw l-affarijiet li huma mdorrijin li jkollhom. U dan ma ngħidux biss għall-prezz li nħallsu biex nixtru l-affarijiet, imma aktar u aktar għal dak li jkun intuża biex tkun saret dik il-ħaġa jew dak l-oġġett: ir-riżorsi li jkunu ntużaw.

U mhux hekk biss. L-aktar ħaġa li bħala ġenituri nistgħu nagħmlu fejn tidħol l-edukazzjoni dwar l-ambjent hija li aħna stess nitgħallmu napprezzaw in-natura ta' madwarna, u nuru dan bid-dieher. Jekk jiena ma napprezzax u ma nibżax għall-ambjent ta' madwari, qatt ma nista' ngħallem lit-tfal biex jagħmlu l-istess!

Il-Malti jgħid li l-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar.

L-ewwel irridu nkunu konvinti aħna, biex imbagħad inkunu f'pożizzjoni aħjar li ngħallmu lil uliedna mhux biss japprezzaw, imma wkoll jibżgħu għall-ambjent li huma mdawrin bih. Jalla l-ġenerazzjonijiet futuri jsibu ambjent u natura aħjar milli sibna aħna.

Jekk jiġri hekk, inkunu għamilna xogħolna sewwa! F

### Jiena hu, la tibżgħux

Ktieb ġdid ta' Patri Thomas More ofm conv. b'ġabra ta' tagħlim dwar l-Ewkaristija: xi tfisser, id-differenza bejn l-Għid Lhudi u dak ta' Kristu, id-dimensjoni ta' għaqda u ta' djakonija fl-Ewkaristija, ix-xhieda tal-qaddisin, il-miraklu ta' Lanciano, u ħafna aktar.

Dan is-Sagrament huwa marbut mas-Sagrament tal-Maħfra li se niċċelebraw fil-Ġublew tal-Ħniena. L-Ewkaristija hija misteru li kull Nisrani għandu jemmen, jiċċelebra u jgħix. F'dan il-ktieb insibu ġabra ta' tagħlim, dokumenti u storja li juru li l-Poplu t'Alla dejjem kellu bżonn l-ikel mingħand il-Mulej. Mingħajr Ġesù Ewkaristija ma nistgħu nagħmlu xejn. Il-ktieb għandu preżentazzjoni tal-Arċisqof Charles J. Scicluna.